# Bing

Fl-aqwa mument tal-liturġija
Għid li ħa tisma ' l-magħruf ħoss,
Li jdawwarlek is-sentimenti
Dak il-mowbajl għaddej idoqq.

X'ħasra hux kif qed jinvadina
Mingħalina li sar xi bżonn,
Ma nintebħux, qed itellifna
Sar għalina daqqa ta' ponn.

Qed jisirqilna l-mumenti
Tant prezzjużi bħal dawk tat-talb,
Mhux aħjar li nibgħatuh jorqod
Għalina sar uġiegħ ta' qalb.

Ma nħalluħx aktar jisirqilna
Il-ġawhriet tal-intimità,
Ejjew nitfgħuh fis-sit ta' wara
Din hi grazzja u karità.

Għażiż ħija, għażiża oħti
Meta tmur biex tisma' l-quddies,
Agħlaqlu ħalqu l-mowbajl tiegħek
Ħalli titlob sewwa man-nies.

Wara kollox fis-skiet tisimgħu
Lil Missierna, il-veru King,
Meta tkun ħdejh warrab il-mowbajl
Isma' lilu, ħallik mill-bing.

Patri Mario Attard OFM Cap
12 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.